



Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-eżistenza ta' kuntratt ta' tagħlim bejn parti u l-avukat tagħha tippreġudika r-rekwiżit ta' indipendenza tar-rappreżentant quddiem il-qrati tal-Unjoni

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tannulla d-digriet appellat

Fis-sentenza Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA (Kawżi magħquda C-515/17 P u C-561/17 P), mogħtija fl-4 ta' Frar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, li ltaqgħet bħala Awla Manja, annullat id-digriet tal-Qorti Ġenerali ¹ li kien ċaħad bħala manifestament inammissibbli r-rikors ippreżentat mill-Università ta' Wrocław kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) għarraġuni li l-konsulent legali li rrappreżenta lil din l-università ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' indipendenza meħtieġa mill-Istatut ² tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Istatut").

Fil-kuntest ta' programm ta' riċerka, ir-REA kkonkludiet ftehim ta' sussidju mal-Università ta' Wrocław. Madankollu riżulta li l-università ma kinitx qiegħda tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim, b'tali mod li r-REA temmet l-imsemmi ftehim u bagħtet tliet noti ta' debitu li l-Università ta' Wrocław ħallset.

L-Università ta' Wrocław ippreżentat sussegwentement rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż b'mod partikolari għall-annullament tad-deċiżjonijiet tar-REA li jxolju l-ftehim ta' sussidju u jobbligawha tħallas lura parti mis-sussidji mħallsa. Peress li l-konsulent legali li rrappreżenta l-università kien marbut magħha permezz ta' kuntratt ta' tagħlim, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala manifestament inammissibbli.

Adita b'appelli ppreżentati mill-Università ta' Wrocław (Kawża C-515/17 P) u mir-Repubblika tal-Polonja (Kawża C-561/17 P), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 19 tal-Istatut jinkludi żewġ kundizzjonijiet distinti u kumulattivi fir-rigward tar-rappreżentanza, fil-kuntest ta' rikorsi diretti ppreżentati quddiem il-qrati tal-Unjoni, ta' parti mhux imsemmija fl-ewwel żewġ paragrafi ta' dan l-artikolu. L-ewwel waħda ³ timponi l-obbligu għal tali parti li tkun irrappreżentata quddiem il-qrati tal-Unjoni minn "avukat". It-tieni waħda ⁴ tipprovdi li l-avukat li jirrappreżenta lil din il-parti għandu jkun awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

Filwaqt li rrilevat li t-tieni kundizzjoni kienet osservata mill-konsulent legali tal-Università ta' Wrocław, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk l-ewwel kundizzjoni kinitx issodisfatta f'dan il-każ.

Hija bdiet billi fakkret li fl-assenza ta' riferiment għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, il-kunċett ta' "avukat" li jinsab fl-Artikolu 19 tal-Istatut kellu jiġi interpretat b'mod awtonomu u uniformi billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest u l-għan tagħha. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li, konformement mal-formulazzjoni ta' dan l-artikolu, "parti" mhux imsemmija fl-ewwel żewġ paragrafi tal-imsemmi artikolu ma hijiex awtorizzata taġixxi hija stess quddiem qorti tal-Unjoni, iżda għandha tirrikorri għas-servizzi ta' terz, u b'mod

¹ Digriet tat-13 ta' Ġunju 2017, Uniwersytet Wrocławski vs REA ([T-137/16](#), mhux ippubblikat).

² Artikolu 19 tal-Istatut.

³ Stabbilit fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut.

⁴ Stabbilit fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut.

iktar preċiż ta' avukat, kuntrarjament għall-partijiet imsemmija fl-ewwel żewġ paragrafi, li jistgħu, min-naħa tagħhom, jiġu rappreżentati minn aġent. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-għan tal-missjoni ta' rappreżentanza minn avukat imsemmija fl-Artikolu 19 tal-Istatut jikkonsisti fuq kollox f'li jiġu protetti u difiżi bl-aħjar mod l-interessi tal-mandant, b'indipendenza sħiħa kif ukoll fl-osservanza tal-liġi u tar-regoli professjonali u etiċi. Hija fakkret li l-kunċett ta' "indipendenza tal-avukat", fil-kuntest speċifiku tal-Artikolu 19 tal-Istatut, huwa ddefinit mhux biss b'mod negattiv, jiġifieri bl-assenza ta' relazzjoni ta' impjeg, iżda wkoll b'mod pożittiv, jiġifieri b'riferiment għad-dixxiplina professjonali. F'dan il-kuntest, id-dmir ta' indipendenza li jaqa' fuq l-avukat għandu jittqies bħala l-assenza mhux ta' kwalunkwe rabta mal-klijent tiegħu, iżda ta' rabtiet li jippreġudikaw manifestament il-kapaċità tiegħu li jiżgura l-missjoni ta' difiża tiegħu billi jservi bl-aħjar mod l-interessi tal-klijent tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li ma huwiex suffiċjentement indipendenti mill-persuna ġuridika li huwa jirrappreżenta l-avukat li jkollu kompetenzi amministrattivi u finanzjarji sostanzjali fi ħdan din il-persuna ġuridika, li jinsabu fil-funzjoni tiegħu f'livell eżekuttiv għoli fi ħdanha, b'mod li jikkomprometti l-kwalità tiegħu ta' terz indipendenti, l-avukat li jkollu funzjonijiet ta' tmexxija għolja fi ħdan il-persuna ġuridika li huwa jirrappreżenta, jew inkella l-avukat li jkollu azzjonijiet tal-kumpannija li huwa jirrappreżenta u li tagħha jippresjedi l-bord tat-tmexxija.

Madankollu, ma tistax tiġi assimilata ma' tali sitwazzjonijiet dik is-sitwazzjoni fejn il-konsulent legali mhux biss iddefenda l-interessi tal-Università ta' Wrocław fil-kuntest ta' relazzjoni ta' subordinazzjoni magħha, iżda, barra minn hekk, kien sempliċement marbut ma' din l-università permezz ta' kuntratt li jirrigwarda dmirijiet ta' tagħlim fi ħdanha. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali rabta hija insuffiċjenti sabiex tippermetti li jittqies li dan il-konsulent legali kien jinsab f'sitwazzjoni li manifestament tippreġudika l-kapaċità tiegħu li jiddefendi bl-aħjar mod, b'indipendenza sħiħa, l-interessi tal-klijent tiegħu.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li s-sempliċi eżistenza, bejn l-Università ta' Wrocław u l-konsulent legali li jirrappreżentaha, ta' kuntratt irregolat mid-dritt ċivili li jirrigwarda dmirijiet ta' tagħlim setgħet tinfluwenza l-indipendenza ta' dan il-konsulent minħabba l-eżistenza ta' riskju li l-opinjoni professjonali tiegħu tiġi, għall-inqas parzjalment, influwenzata mill-ambjent professjonali tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-digriet appellat u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

TFAKKIRA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għall-kwistjonijiet ta' liġi, kontra sentenza jew digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett ta' sospensjoni. Jekk huwa ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' definitivament hija stess il-kawża. Fil-każ kuntrarju, hija tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali, li hija marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355